MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2011

Numru. 203/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Aouni Aladdin ta’ 22 sena il-sena, iben Mohammed u Sfia nee` Nooman, data tat-twelid 29 ta’ Awissu 1988, Franza, joqghod Le Meridian Hotel, Kamra 707, Trioq ir-Rampa, San Giljan u detentur tal-passaport Franciz 09PD25505.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Aoumi Aladdin li permezz taghha huwa gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer minn gewwa Havana li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan nhar it-23 ta’ Jananr 2011 ghall-habta ta’ l-erbgha u nofs ta’ filghodu (04.30am);

Ikkommetta serq ta’ ‘handbag’ li kien fih mobile phone tal-marka Samsung b’valur ta’ mija, hamsa u hamsin euro (€155) u ghoxrin euro (€20) fi flus kontanti ghad-dannu ta’ Alexia-Ann-Delia, liema serq huwa kwalifikat bil-‘hin’.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni mghamulha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija u rritorna l-oggetti misruqa.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(f) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat il-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien mal-atti tintbghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------